MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1130/1999/1

**Marisa Sammut Gatt mart Francis Gatt**

**vs**

**Shafiquzzaman Syed**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti rregistraw zwieg fir-Registru Pubbliku ta' Malta li jgib numru ta' registrazzjoni 41/1998 liema zwieg gie formalment ikkontratat f' Karachi, Pakistan fit-3 ta' Novembru 1985 skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat dokument A;

Illi skond il-ligi civili dan iz-zwieg ma giex ikkunsidrat validu u dan skond ittra tad-19 ta' Dicembru 1996 mahruga mir-Registru Pubbliku, Malta u l- attrici setghet

tizzewweg u kellha l-kapacita’ shiha biex tikkuntratta z-zwieg u dan skond dokument hawn anness u mmarkat dokument B;

Illi t-Tribunal Ekklesjastiku b’ittra tat-22 ta’ Novembru 1997 iddispensa ‘in favorem fidei’ iz-zwieg formalment ikkuntrattat mal-konvenut u tat il- permess lill-attrici li tizzewweg religjozament fil-Knisja Kattolika ma’ Francis Gatt;

Illi l-attrici kkuntrattat zwieg ma’ Francis Gatt fir-Registru Pubbliku fis-16 ta’ Jannar 1998 u religjozament fil-Kattidral tal-Mdina fil-21 ta’ Settembru 1998;

Illi l-kontendenti jipposjedu diversi proprjetajiet immobbiljari kif ukoll xi oggett mobbli in komun bejniethom;

Illi l-proprjeta’ immobbiljari tikkonsisti fil-fond 98 St Ubaldesca Street Paola u l-hanut “Variations” Ghajn Dwieli Road Paola kif ukoll proprjeta’ mobbiljari konsistenti fl-ghamara tad-dar u f’xi equipment u stock fil-hanut in kwistjoni;

Illi huma jipposjedu in komun bejniethom il-vettura numru ta’ registrazzjoni DAQ-656 ta’ kulur metallic beige u karozza ohra tat- tip Yugo numru KAO-

Illi hija ricentement saret taf li l-konvenut irid ibiegh l-istess karozza u ghalhekk ipprezentat rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 2317/99 debitament akkordat fl-10 ta’ Mejju 1999;

Ili l-attrici ma tridx tibqa’ aktar in komun mal-konvenut fil-proprjeta’ immobbiljari u mobbiljari li huma ghandhom bejniethom;

Illi dawn l-oggetti huma komodament divizibbli bejniethom;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar- ragunijiet premessi, ghaliex dina l-Qorti m’ghandiex: -

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-kontendenti jipposjedu komunament bejniethom l-fondi 98 St Ubaldesca Street Paola u l-hanut “Variations” Ghajn Dwieli Road Paola kif ukoll proprjeta’ mobbiljari konsistenti fl-ghamara tad-dar u f’xi equipment u stock fil-hanut in kwistjioni u l-karozza DAQ-656 u karozza ohra tat-tip Yugo numru KAO-

2. tordna li l-konvenut jigi permantement inibit milli jittrasferixxi l- karozza DAQ-656 skond mandat ta’ inibizzjoni numru 2317/99 degretat fl-10 ta’ Mejju 1999;

3. tiddividi l-proprjeta’ immobbiljari u mobbiljari fuq imsemmija f’ zewg porzjonijiet ugwali u jekk iukn mehtieg bl-ekwiparazzjonijiet li jsiru bi flus halli kull parti tinghata porzjon konsistenti f’fondi, karozzi u bi flus ugwali ghall-porzjoni l- ohra;

4. tordna li porzjoni tkun assenjata lill-attrici u porzjoni ohra lill- konvenut u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi;

5. tinnomina nutar ghall-publikazzjoni tal-att ta’ divizjoni f’jum hin u lok li jigi ffissat minn din il-Qorti;

6. tinnomina kuraturi ghall-eventwali kontumacja fuq l-att notarili relattiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 2317/99 u bl- ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-15 ta' Dicembru 1999 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Joseph Jaccarini sabiex jghamel valutazzjoni tal-fondi in kwestjoni;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fid-19 ta' Jannar 2001;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2005 minn fejn jirrizulta li l-attrici rrinunzjat ghat-talbiet taghha rigwardanti l-proprjeta kollha mobbiljari inkluz l-istock fil-hanut u z-zewg vetturi. Jirrizulta ukoll mill-istess verbal li l-partijiet waslu fi fehim dwar it-talbiet l-ohra u talbu li tinghata sentenza a bazi tal-istess ftehim;

Ikkonsidrat :

In vista tal-imsemmi verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2005 il-Qorti ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha rigwardanti l-mobbli inkluzi z-zewg vetturi. Ser tghaddi ukoll biex tiddividi l-proprjeta' immobbiljari komuni bejn il-partijiet a bazi tal-ftehim milqugh mill-istess partijiet;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha attrici rigwardanti l-hwejjeg kollha mobbli inkluzi z-zewg vetturi u dana in vista tar-rinunzja tal-attrici ghall-istess talbiet kif verbalizzata fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2005 u billi fit-tieni lok tiddikjara u tiddeciedi li l-kontendenti jipposjedu komunament bejniethom l-fondi 98 St Ubaldesca Street Paola u l-hanut "Variations" Ghajn Dwieli Road Paola u tiddividi l-imsemmija proprjeta' immobbiljari f' zewg porzjonijiet, porzjoni minnhom komprendenti l-hanut "Variations" Ghajn Dwieli Road Paola u liema porzjoni ghandha tigi assenjata lill-attrici u l-porzjoni l-ohra komprentendi l-fond 98 St Ubaldesca Street Paola u liema porzjoni ghandha tigi assenjata lill-konvenut, minnghajr ebda ekwiparazzjoni dovuta la minn

parti u lanqas mill-ohra. Tinnomina li-Nutar Dottor Elena Farrugia sabiex tippublika l-att ta’ divizjoni relattiv u dana fi zmien tlett (3) xhur mid-data ta’ din is-sentenza. Tinnomina lill-Avukat Dottor Lisa Lombardi bhala kuratur biex tidher fuq l-att ta’ divizjoni ghall-eventwali kontumaci.

L-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi l-ispejjes tal-att notarili tad-divizjoni bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------